MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 743/2014

**Maria Antonia Serge (ID 2013317P)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-imsemmija Maria Antonia Serge (ID 2013317P) datat 27 ta' Awwissu 2014 fejn esponiet: -

Illi nhar is-7 ta' Mejju 1936 twieldet l-esponenti l-Isla minn

Horatio Serge u Giuseppa martu (Dokument AB).

Illi minn meta kienet zghira sal-gurnata tallum hija giebet dejjem il-kunjom ta' Serge kif kien dak ta' missierha u zammet dan u hekk hija ilha ghal dawn l-ahhar tmienja u sebghin (78) sena biss recentement bil-process ta' bidliet amministrattivi u elettronici li qed jsiru hija giet infurmata li kunjoma kien ser jigi mibdul mill-intimat konvenut ghal dak ta' "Serge Frascheria" fil-karta tal-identita` u fl-atti sussegwenti kollha taghha.

Illi dan l-kunjom hija qatt ma uzat u wisq inqas missierha Horatio kif jirrizulta minn l-annessi dokumenti hawn kollha esebiti (Dokument MS1 sa MS12) minn fejn jirrizulta li hekk kienet maghrufa anki lill-awtoritajiet

Illi ghalhekk b'din id-decizjoni unilaterali l-konvenut intimat gie li biddel l-identita` taghha u dan ghall-kuntrarju ta' dak li hija dejjem zammet u giet accettata minn diversi awtoritajiet governattivi.

**Ragunijiet tar-rikors u tat-talbiet**.

a. Illi bl-imsemmi agir il-konvenut intimat qieghed effettivament jbiddel l-identita` taghha minn dak li hija u minn dak li kienet kif ukoll li tharbtilha l-hajja u l-istabbilita` taghha nkluz li hija ma tistax tivvjagga.

**Talbiet**.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi:

1 Illi hija f' hajjitha kollha giebet l-kunjom ta' Serge u hekk maghrufha.

2. Illi l-kunjom taghha fic-certifikat tat-twelid ghandu jigi

indikat bhala Serge.

3. Illi din l-Qorti okkorrendo billi tiehu l-provedimenti u tohrog dawk l-ordnijiet li hija thoss opportuni sabiex l-konvenut intimat jaghmel l-annotazzjoni neccessarja fis-sens li fejn jidher isimha fl-att ta' twelid numru 4115/36 jigi mizjud il-kliem **'maghrufa bhala Maria Serge**'.

Bl-ispejjes u l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku datata 6 ta' Ottubru 2014 (fol 53) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi kuntrarjament ghal dak li gie mitlub fit-talba numru 3 tar-rikors guramentat, fuq l-att tat-twelid bin-numru 4115/1936 (**Dok. DRP 1**) ma hemm l-ebda kunjom fir-rigward tar-rikorrent li gie indikat u dan ghaliex fl-atti tat-twelid li saru qabel is-sena 2005, ma kienx jigi indikat il-kunjom tat-tarbija izda biss l-isem. Illi l-kunjom li kien gie indikat huwa dak ta` missier ir-rikorrenti u cioe`Frascheria Serge.

3. Illi minghjar pregudizzju ghall-premess, fiz-zmien li kien gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti fis-sena 1936, ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ta` gabra u kkonservar ta` informazzjoni u dokumenti. Ghalhekk l-ufficjali inkarigati mill-kitba tal-atti tat-twlied kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta` dak li jafferma l-korrezzjoni ta` l-informazzjoni li titnizzel fl-att in kwistjoni.

4. Illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kien missierha Horatio Frascheria Serge li kien id-dikjarant u li ta l-informazzjoni kollha li imbaghad tnizzlet fic-certifikat tat-twelid. Hu ffirma ukoll l-att u allura kkonferma li d-dettalji li jinsabu fl-att huma korretti. Ta` min jghid li d-dikjarant iffirmha bhala Horatio F. Serge.

5. Illi *ai termini* tal-ligi Maltija, ulied fiz-zwieg jiehdu awtomatikament il-kunjom ta` missierhom, u ghaldaqstant peress li r-rikorrent effettivamnet twieldet fiz-zwieg, hija hadet kunjom missierha. Jekk missierha iddikjara li kunjomu huwa Frascheria Serge mela hi hadet

awtomatikament dak il-kunjom. Ghalhekk dan ma hux il-kaz fejn l-esponent biddel unilateralment kunjom ir-rikorrenti jew ghaliex kien hemm xi bidliet amministrattivi u eletronici. Fil-fatt jekk wiehed kellu jezamina l-att tat-twelid ta` missier ir-rikorrenti li jgib in-numru 5173/02 isib li kunjom missieru huwa Frascheria Serge u ghalhekk hu assuma proprju kunjom missieru u cioe` Frascheria Serge.

6. Illi ghalhekk dan huwa kaz fejn ir-rikorrenti matul hajjtiha ghazlet deliberatament li taghmel uzu minn parti biss ta` kunjomha u mhux kunjomha kollu kif suppost.

7. Illi fir-rigward tat-tliet talba jigi wkoll sottomess li l-kompetenza ta` l-esponenti hija biss fir-rigward ta` atti ta` l-istat civili u b`hekk passaport u karti tal-identita` ma jaqghux fil-parametri ta` l-esponent. Marbut ma' dan jigi rilevat li fl-att tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm l-ebda kolonna intestata "Isem u Kunjom" izda biss kolonna li hija intestata "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" ghalhekk ma hemm l-ebda kolonna li trid tigi korretta.

8. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Maria Antonia Serge datat 5 ta' Novembru 2014 a fol 76 tal-process fejn esponiet.

Illi wara l-ahhar seduta l-esponenti qieghda bil-prezenti titlob li tigi awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tibdel it-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur taghha *ai termini* tal-parametri msemmija fl-artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta bis-segwenti mod:

It-tielet talba minn kif inhija issa u cioe`:

"Illi din l-Qorti okkorrendo billi tiehu l-provvedimenti u tohrog dawk l-ordnijiet li hija thoss opportuni sabiex l- konvenut intimat jirrilaxxa dokumenti lilha appartenenti fil-kunjom taghha ta’ Serge u jindika sija fil-karta tal-identita` kif ukoll fil-passaport taghha l-isem u l-kunjom taghha ta’ Maria Serge u konsegwentement li tordna l-korrezzjonijiet necessarji fl-att ta twelid numru 4115/36 biex fil-kolonna "Isem u Kunjom" jitnehha l-kliem "Frascheria" .

Tigi:

"Illi din l-Qorti okkorrendo billi tiehu l-provvedimenti u tohrog dawk l-ordnijiet li hija thoss opportuni sabiex l-konvenut intimat jaghmel l-annotazzjoni neccessarja fis-sens li fejn jidher isimha fl-att ta’ twelid numru 4115/36 jigi mizjud il-kliem **'maghrufa bhala Maria Serge**'.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li Qorti jaghgobha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti korrezzjoni necessarja *ai termini* tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-Intimat datata d-19 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghat-talba.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher deher Dr Carmelo Mifsud Bonnici ghall-attrici prezenti u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur konvenut. Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici a fol 76 tal-process. Rat ir-risposta tal-intimat. Laqghet it-talba u ordna l-korrezzjoni tat-tielet talba skont kif jirrizulta mill-istess rikors. L-intimat ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors kif korrett. Dr Mifsud Bonnici iddikjara li ma fadallux provi aktar xi jgib. Xehed bil-gurament tieghu John Micallef, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Xehed bil-gurament tieghu Ivan Cilia, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Maurizio Cordina iddikjara li ma fadallux provi xi jgib. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Dicembru 2014 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attrici qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.[1]

Illi l-fatti f'din il-kawza huma kemmxejn partikolari. Jirrizulta palezament li r-rikorrenti ghexet hajjitha bhala *Maria Serge* u dan hu sorrett bl-

[1] Fol 69 u 72

abbundanza ta' dokumenti ufficjali u affidavits esebiti (hdax-il dokument mar-rikors promotur; disa' affidavits u sahansitra ritratti ta' zewg pitturi iffirmati minn missier ir-rikorrenti bhala H. Serge.)

Illi fost dawn id-dokumenti nsibu c-certifikat battezimali tar-rikorrenti fejn kunjomha hu mnizzel bhala "Serge."

Ic-certifikat tat-twelid esebit mill-intimat bin-numru 4115/36 mhu xejn car. Dan ovvjament gie redatt qabel ma dahlu sistemi elettronici (fis-sena 1936) u jinsab redatt *a mano.* Taht il-kolonna *isem u kunjom* (tal-genituri) l-ismijiet huma mnizzlin bhala *Horatio Serge* u *Giuseppa wife of the said Horatio Serge.* Izda jirrizulta saret korrezzjoni, wkoll *a mano* billi iddahhlet il-kunjom *Frascheria* qabel *Serge* u fir-rigward tal-omm l-isem *Horatio Serge* huwa sahansitra ingassat u jinsabu mitkuba l-kliem *Horatio Frascheria Serge.* Kif tajjeb osserva l-intimat fir-risposta guramentata, l-missier iffirma bhala *Horatio F.Serge.*

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar l-inizjali "*F*" u cioe`, jekk dan jirrapprezenta abbrevjazzjoni tal-kunjom *Frascheria* jew ta' isem iehor tal-missier.

Li jirrizulta bhala fatt hu li tul is-snin, Horatio Serge ma uzax il-kunjom *Frascheria* fuq dokumenti importanti fil-hajja civili tieghu bhal passaport u karta tal-identita` tieghu (ara Dok.MS1, MS2, MS3, u MS4). Ghalhekk il-kunjom *Frascheria* intesa, jew gie skartat deliberatament minn missier ir-rikorrenti b'tant success li kienet sorpriza biss recentement minhabba process ta' tibdiliet elettronici li sehhew.

Illi tant hija radikali din il-bidla li r-rikorrenti tafferma li bl-intromissjoni ta' dan il-kunjom gdid, l-intimat qed ibiddel l-identita' taghha. Certament wiehed jista' jifhem kif dan il-process kollu jirrizulta aljen u estraneu ghar-rikorrenti li ma tistax bl-ebda mod tidentifika ruhha b'kunjom li qatt ma semtghet bih.

Ikkonsidrat li mhuwiex ikkontestat l-asserzjoni tal-intimat li fl-att ta' twelid ta' missier ir-rikorrenti numru 5173/02 jirrizulta li kunjom missieru huwa *Frascheria Serge.* B'logika irribattibbli jghid korrettement li gjaladarba l-attrici tnisslet fiz-zwieg, bilfors trid taddotta dan il-kunjom.

Illi din hija l-pozizzjoni legali imfissra f'gurisprudenza kostanti[2] u ma jirrizultax li c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti kien b'xi mod zbaljat.

Madanakollu l-fatti partikolari ta' dan il-kaz ma jistax jinducu lil din il-Qorti biex tqis li t-talba hija irregolari jew arbitrarja konsiderat il-fatt daqstant lampanti li r-rikorrenti bniet il-hajja pubblika u privata taghha fuq kunjom wiehed, *Serge,* li gustament tidentifika mieghu, u fejn jirrizulta li anke missierha skarta dan il-kunjom b'mod l-aktar assolut u pubbliku.

Il-kompitu tal-Qorti hija aktar facli bil-korrezzjoni mitluba in kwantu qed tintalab li ssir annotazzjoni fuq ic-certikat tat-twelid fis-sens li fejn jidher isem ir-rikorrenti fl-att ta' twelid numru 4115/36 jigi mizjud il-kliem **'maghrufa bhala Maria Serge'**. Dan tista' taghmlu minghajr ma tinduci f'ebda devjazzjoni mid-dispozizzjonijiet legali u ghalhekk ser tghaddi biex takkolji t-talbiet kif korretti. Ovvjament l-ispejjez jinkombi fuqha billi l-intimat ma kellu l-ebda responsabbilita' fir-rigward.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li:

[2] Ara ad. ez. "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et"** (AC 29 ta' Novembru 1971), **"Damian Damian Schembri vs Direttur Cutajar vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) u "**Joseph Cutajar vs Dr J Scicluna noe"** (Qorti tal-Appell – 14 ta' Frar 1947).

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti f' hajjitha kollha giebet il-kunjom ta' Serge u hekk maghrufha u mhux bil-kunjom Frascheria Serge.

2. **Tilqa' t-tieni talba** fis-sens li tordna lill-intimat sabiex jaghmel l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 4115/36 sabiex jitnizzel li hija maghrufa bil-kunjom *Serge*.

3. **Tilqa' t-tielet talba attrici u Tordna** lill-intimat sabiex

jaghmel l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 4115/36 u fejn jidher isimha fl-att ta' twelid jigi mizjud il-kliem **'maghrufa bhala Maria Serge**'.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------